Il-Ħamis, 25 ta' Marzu 2021

P9_TA(2021)0105

Ġbir mir-riżorsi nfushom li jidħol mit-taxxa fuq il-valur miżjud *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-abbozz tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (12771/2020 – C9-0364/2020 – 2018/0133(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2021/C 494/24)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (12771/2020),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0364/2020),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-QFP li jmiss: tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020 ([3]) u dwar riforma tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji: wasal iż-żmien li nissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini ([7]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji: wasal iż-żmien li nissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Mejju 2020 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, ir-riżorsi proprji u l-pjan ta' rkupru ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-16 ta' Settembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([9]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0049/2021),

---

([1]) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28).
([2]) ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.
([3]) ĠU C 162, 10.5.2019, p. 51.
([4]) ĠU C 162, 10.5.2019, p. 71.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2018)0226.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2018)0449.
([7]) Testi adottati, P9_TA(2019)0032.
([8]) Testi adottati, P9_TA(2020)0124.
([9]) Testi adottati, P9_TA(2020)0220.

Il-Ħamis, 25 ta' Marzu 2021

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill kif emendat;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-abbozz tiegħu b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Abbozz ta' regolament

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 8

Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89

Artikolu 9

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
"Artikolu 9	"Artikolu 9
1. Kwalunkwe korrezzjoni għall-estratti msemmija fl-Artikolu 7(1) tas-snin finanzjarji preċedenti, tkun xi tkun ir-raġuni, għandhom isiru bi ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.	1. Kwalunkwe korrezzjoni għall-estratti msemmija fl-Artikolu 7(1) tas-snin finanzjarji preċedenti, tkun xi tkun ir-raġuni, għandhom isiru bi ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.
Jekk l-Istat Membru u l-Kummissjoni ma jaqblux dwar korrezzjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar il-korrezzjoni meħtieġa b'ittra. Dik l-ittra għandha tikkostitwixxi il-'miżuri' kif imsemmija fil-punt (c) ta-l-Artikolu 12(2) tar-Regolament tal-Kunsill 609/2014.	Jekk l-Istat Membru u l-Kummissjoni ma jaqblux dwar korrezzjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar il-korrezzjoni meħtieġa b'ittra. Dik l-ittra għandha tikkostitwixxi il-'miżuri' kif imsemmija fil-punt (c) ta-l-Artikolu 12(2) tar-Regolament tal-Kunsill ***(UE, Euratom) Nru*** 609/2014.
2. L-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-korrezzjoni kkomunikata skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 fi żmien xahrejn mill-jum meta tkun waslet l-ittra msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1. Dan il-proċess ta' rieżami għandu jiġi konkluż b'deċiżjoni tal-Kummissjoni li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-jum li tkun waslet it-talba tal-Istat Membru.	
F'każ li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tirrevedi l-ammonti għal kollox jew parzjalment b'mod korrispondenti għall-korrezzjoni, l-Istat Membru għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni l-ammont korrispondenti. La t-talba tal-Istat Membru għal rieżami tal-korrezzjoni u lanqas rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma għandhom jaffettwaw l-obbligu tal-Istat Membru li jqiegħed għad-dispożizzjoni l-ammont li jikkorrispondi għall-korrezzjoni.	
Il-korrezzjonijiet kollha għandhom ikunu inkorporati f'estratti aggregati, li għandhom jemendaw l-estratti ta' qabel għas-snin finanzjarji kkonċernati.	

Il-Ħamis, 25 ta' Marzu 2021

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu aktar dettalji tal-modalitajiet proċedurali għall-proċedura ta' rieżami msemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(3). L-adozzjoni ta' dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-proċedura ta' rieżami stabbilita fil-paragrafu 2.	
4. L-ebda korrezzjoni oħra ma għandha ssir għall-estratti tal-kont imsemmija fl-Artikolu 7(1) wara l-31 ta' Lulju tar-raba' sena wara s-sena finanzjarja ikkonċernata, sakemm dawk il-korrezzjonijiet ma jikkonċernawx punti nnotifikati qabel jew mill-Kummissjoni inkella mill-Istat Membru kkonċernat."	***2***. L-ebda korrezzjoni oħra ma għandha ssir għall-estratti tal-kont imsemmija fl-Artikolu 7(1) wara l-31 ta' Lulju tar-raba' sena wara s-sena finanzjarja ikkonċernata, sakemm dawk il-korrezzjonijiet ma jikkonċernawx punti nnotifikati qabel jew mill-Kummissjoni inkella mill-Istat Membru kkonċernat."